MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1834/2001/1

**Rikors Nru: 1834/01 JA.**

**Ronald Attard u Mario Galea fil-kwalita' taghhom ta' stralcarji tas-socjeta' Healthland International Limited.**

**-vs-**

**A. Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Veronica Rossignaud b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Allen & Overy.**

**B. Dr. Martin Fenech u l-P.L. Luisa Tufigno b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Baycroft Consultancy Ltd.**

**C. Dr. Louis Cassar Pullicino b' digriet tas-27 ta' Dicembru, 2001, gie nominat kuratur deputat sabiex**

**jirrapprezenta lis-socjeta' Cap Vest Equity Partners (PTY), Cap Vest Ltd, Capvest Equity Partners L.P. u Cap Vest Special Partners L.P.**

**D. Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Deloitte & Touche, Beligium.**

**E. Dr. Vincent Galea u l-P.L. Veronica Rossignaud b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Deloitte & Touche, British Virgin Islands.**

**F. Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Deliotte & Touche, South Africa.**

**G. Dr. Pio Valletta b' digriet tas-27 ta' Dicembru, 2001, gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta' Eastlink Projects PTY Ltd.**

**H. Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Luisa Tufigno b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' International financial Services (PTY) Ltd.**

**I. Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' JJ. Galagher Ltd.**

**J. Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Kinsman Consultancy Ltd.**

**K. Dr. Tonio Fenech u Dr. Nicolai Vella Falzon b' digriet tas-27 ta' Dicembru, 2001, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Leisure Net Ltd.**

**L. Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Minter Ellison.**

**M. Dr. Richard Sladden u l-P.L. Veronica Rossiganaud b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Moreland Overseas Ltd.**

**N. Dr. Chris Cilia u l-P.L. Luisa Tufigno b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Pricewater-housecooper, United Kingdom.**

**O. Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Thornfield Properties Ltd.**

**P. Dr. Victor Scerri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Werksman Attornies.**

**Q. Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Ocean Plaza Ltd.**

**R. Dr. Martin Fenech u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Chelsea Heights Hotel PTY Ltd.**

**S. Dr. Vincent Galea u l-P.L. Victor Bugeja b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Northcote Road 1, Holdings Ltd.**

**T. Dr. Victor Scerri u l-P.L. Liliana Buhagiar b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Saracen Properties PTY Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Ronald Attard u Mario Galea fil-kwalita' taghhom ta' stralcarji tas-socjeta' Healthland International Limited, ippezententat fit-28 ta' Novembru, 2001 li permezz tieghu esponew:

Illi s-socjeta' Healthland International Limited giet xolta permezz ta' risoluzzjoni tal-azzjonisti ddatata 28 ta' Mejju, 2001;

Illi l-istralcjarji qed jissoktaw bl-istralc volontarju tal-kredituri tas-socjeta';

Illi fost talbiet ohra s-socjeta' kienet rinfaccjata b' talba ta' Eastlink Projects PTY Ltd ghall-ammont ta' A$5,702,784 (hames miljuni seba mija u elfejn seba mija u erba u tmenin

Dollaru Awtraljan) bl-interessi bl-10% (bl-ghaxra fil-mija) u illi gew istitwiti proceduri fil-Qrati Supremi ta’ Queensland l-Awstralja kontra l-imsemmija socjeta’ Healthland International Limited;

Illi permezz ta’ Mareva Injunction gie sekwestrat ammont ta’ A$2,629,135.90 (zewg miljuni, sitt mija u disgha u ghoxrin elf, mija hamsa u tletin Dollaru Awstraljan) f’ idejn Healthland Australia PTY Ltd bhala dividend;

Illi fi trattativi li saru bejn Eastlink Projects PTY Ltd u Healthland International Limited din ta’ l-ahhar fittxet li jigi revokat is-sewkestru u jii rilaxxati l-flus sekwestrati b’ mod li jistghu imorru ghall-beneficcju tal-kredituri kollha tas-socjeta’ Healthland International Limited u illi Eastlink Projects PTY Ltd intimat li kienet lesta li tittratta mas-socjeta’ Healthland International Limited u tasal fi kompromess, b’ kundizzjoni li l-istralcjarji, inter alia, jaqblu fuq l-ammont ippruvat ta’ Eastlink Projects PTY Ltd jiffissaw “cut off date” biex jigu ppruvati d-debiti u li jkkunsidraw jaghmlu distribuzzjoni “interim” considerando l-attiv u l-passiv tas-socjeta’;

Il-likwidaturi indikaw li lesti jikkunsidraw data finali biex jigu ppuvati d-debiti li jaghmlu distribuzzjoni “interim” jekk ikollhom l-awtorizzazzjoni inekwivoka tal-Qorti kompetenti f’ dan is-sens;

Illi l-kundizzjonijiet proposti mill-Eastlink Projects PTY Limited kienu li “they be admitted as a creditor in the sum of A$4milion, that within six mont6hs of the commencement of  Liquidation an application be made in terms of Section 292 of the Companies Acto to fix the time within creditors are to prove their debts or claims to the date of the application and to santion the payment of an interim divident”;

Illi kif inhu evidenti, bhala kundizzjoni ghar-revoka tal-Mareva Injunction u r-rilaxx konsegwenti tal-flus sekwestrati Eastlink

Projects PTY Ltd rabtu lir-rikorrenti stralcjarji li jistitwixxu rikors biex il-Qorti kompetenti tistabilixxi d-data tar-rikors bhala l-ahhar zmien li matulu l-kredituri handhom jipruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom b' hekk tista' ssir distribuzzjoni interim;

Illi in vista tal-pariri professjonali tal-avukati awstraljani li indikaw li kien fl-interess tas-socjeta' Healthland International Limited li l-proceduri quddiem il-Qrati Awstraljani jigu transatti, il-proposti tas-socjeta' Eastlink Projects PTY Ltd ew imressqa ghall-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Likwidazzjoni;

Illi l-istess Kumitat tal-Likwidazzjoni ta' Healthland International Limited fl-24 ta' Settembru 2001 approva li Eastlink Projects PTY Limited jigu ammessi bhala kredituri hall-ammont ta' $4,000,000 (erba miljun dollaru Awstraljan) b' patt li flus sekwestrati l-Awstralja jigu rilaxxiti u illi (sic)l-istraljarji tas-socjeta' Healthland International jistitwixxu rikors biex il-Qorti kompetenti tiffissa data bhala l-ahhar zmien li matulu l-kredituri ghandhom jippruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom li tawtorizza distribuzzjoni interim;

Illi kopja tal-imsemmija rizoluzzjoni inghatat lill-Eastlink Projects PTY Ltd li rrispondew li l-preciz kliem tal-offerta taghhom kienet li r-rikors ghandu jitlob li d-data tal-istess rikors ghandha tkun indikata bhala l-ahhar zmien li fih il-kredituri ghandhom jipruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom;

Illi l-istralcjarji indikaw li kellhom kull intenzjoni li jaghmlu t-talba kif gie propost mill-Eastlink Projects PTY Ltd;

Illi fl-24 ta' Settembru ftit wara l-konkluzjoni tal-Kumitat tal-Likwidazzjoni, l-istralcjarji gew infurmati permezz ta' ittra mibghuta minn Prof J.M. Ganado & Associates li Cap Vest Equity Partners L.P. u Cap Vest Special Partners L.P. kienu

ingagaw lill-avukati Holman Fenwick Willian biex jaghmlu talba kontra s-socjeta' Healthland International Limited fl-ammont ta' Stg 17.3 (sbatax il-miljun u tlet mitt elf Lira Sterlina);

Illi billi dan l-ammont kien ser ikollu impatt sostanzjali fuq il-likwidazzjoni l-istralcjarji tas-socjeta' Healthland International Limited gabu din l-ittra ghall-konjizzjoni ta' Eastlink Projects PTY Ltd izda din tal-ahhar ikkonfermat li kienet lesta tittransigi l-proceduri Awstraljani fuq imsemmija;

Illi l-kawza kontra Healthland International Limited quddiem il-Qrati Awstraljani giet fil-fatt transatta, il-Mareva Injunction gie revokat u l-flus sekwestrati ammontanti ghall-A$2,629,135 (zewg miljuni sitt mija disgha u ghoxrin elf mija u hamsa u tletin Dollari Awstraljani) gew rilaxxati;

Illi l-intenzjoni tal-istralcjarji li jippomwovu dan ir-rikors gew komunikati lill-kredituri permezz ta' ittri reigistrati iddatati 6 ta' Novembru 2001 u giet ukoll ippubblikata fl-edizzjoni tal-Malta Independent 7 ta' Novembru, 2001;

Illi l-istralcjarji sejhu wkoll laqgha tal-kredituri ta' Healthland International Limited fit-23 ta' Novembru, 2001 biex jispjegaw, inter alia, l-azzjoni li kienu ser igibu quddiem il-Qrati kompetenti Maltin u dan ai termini tal-ftehim ta' transazzjoni li ntlahaq mis-socjeta' Eastlink Projects PTY Ltd biex b' hekk gew rilaxxati l-flus sekwestrati fl-Awstralja;

Illi fl-istess laqgha tal-kredituri ta' Healthland International Limited l-istralcjarji kongunti tas-socjeta' LeisureNet Limited (li wkoll qeghdha fil-process li tigi stralcjata fl-Afrika t' isfel), pezenti ghall-istess laqgha, opponew illi d-data tal-istess rikors ghandha tkun indikata bhala l-ahhar data li matulu l-kredituri ghandhom jippruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom u oggezzjonaw ukoll ghad-distribuzzjoni interim f' dan l-istadju,

stante li kien ghadu prematur biex dan isir u li kellu jsir dan, f' dan l-istadju, stante li kien ghadu prematur biex dan isir u li kellu jsir dan, f' dan l-istadju hemm periklu serju u reali illi jistghu jigu ppregudikati d-drittijiet ta' kredituri illi ghandhom pretensjonijiet kontra Healthland International Limited, inkluza LeisureNet Limited innifisha u illi fil-fatt ghalkemm LeisureNet Limited kienu ghamlu talba ghall-ammont ta' GBP 645,651 (sitt mija sitta u erbghin elf sitt mija wiehed u hamsin Lira Sterlina) kienu qed jinvestigaw il-possibilita' li jivantaw talbiet ulterjuri, l-investigazzjonijiet immexxija mill-Qrati tal-Afrika t' Isfel ghadhom ghaddejjin u mhux mistenni li jigu konkluzi qabel l-ahhar ta' Gunju 2002 u ghalhekk data finali biex jippruvaw id-djun u t-talbiet tkun ta' pregudizzju ghall-LeisureNet Limited;

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti l-istralcjarji kongunti ta' LeisureNet Limited oggezzjonaw kemm ghall-iffissar tad-data tar-rikos bhala (sic)bhala l-ahar data li matulu l-kredituri handhom jippruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom u oggezzjonaw ukoll ghad-distribuzzjoni interim f' dan l-istadju;

Illi fil-fuq imsemmija laqgha tal-kredituri rappresentanti tal-kredituri Cap Vest Equity Partners L.P. u Cap Vest Special Partners L.P. oggezzjonaw li d-data tal-istess rikors ghandha tkun indikata bhala l-ahhar data li matulu l-kredituri ghandhom jippruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom in kwantu kienu ingaggaw lill-avukati Holman Fenwich Willan biex jaghmlu talba kontra s-socjeta Healthland International Ltd fl-ammont ta' Stg 17.3 (sbatax il-miljun u tlett mitt elf Lira Sterlina) u l-komplessita' tat-talba, li kellhom kull intenzjoni jressqu fil-Qrati Inglizi, ma kenitx tippermetti li ssir f' qasir zmien ghall-liema raguni data finali biex jippruvaw id-djun u t-talbiet kienet tkun ta' pregudizzju ghall-Cap Vest Equity Partners L.P. u Cap Vest Special Partners L.P.;

Illi ai termini tal-292 tal-Att XXV ta’ 1995, l-istralcjarju jista’ jaghmel rikors lill-Qorti biex tiddeciedi kull kwistjoni matul l-

istralc tal-kumpanija, jew li tezercita, dwar l-esekuzzjoni ta' sejhiet jew xi haga ohra, is-setghat kollha li tista' tezercita jekk il-kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti jew uhud minnhom;

Illi skond l-artikolu 2 tal-Att XXV ta' 1995, il-Qorti tista' tistabilixxi zmien jew zmienijiet li matulhom il-kredituri ghandhom jipruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom jew li jkunu eskluzi mill-beneficcju ta' kull tqassim maghmul qabel ma' jkunu ppruvati daw id-djun;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti fil-kwalita' taghhom ta' stralcjarji tas-socjeta' Healthland International Limited jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha, previa smiegh u provvedimenti li jidhrilha xieraq:

1. Tiddikjara illi d-data tal-lum hi l-ahhar data li fiha l-kredituri ghandhom jippruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom;

2. Tawtorizza l-istraljarji jaghmlu distribuzzjoni “interim” f' ammon li jidhrilhom xieraq.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Tonio Fenech u l-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon fil-kwalita' taghhom bhala mandatarji spejcali tas-socjeta' intimata LeisureNet Limited, kif rapprezentata mill-istralcjarji taghha, ippezentata fis-7 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha esponew:

Illi permezz ta' din ir-risposta l-esponenti nomine qed jaccettaw il-bandu ghall-kuraturi sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' intimata LeisureNet Limited u jaghtu ruhhom b' notifikati bi-rikors odjern u dan wara illi l-esponenti gew awtorizzati illi jirrapprezentaw lill-istess socjeta' intimata LeisureNet Limited permezz ta' prokura specjali minghand l-stralcjarji kongunti, taghha Robert John Walters u Gavin Cecil Gainsford (kopja annessa u mmarkata “Dok A”);

Illi LeisureNet Limited, kumpannija registrata fl-Afrika t' isfel li wkoll tinsab fil-process illi tigi stralcjata, taht l-Awtorita' tal-Qrati tal-Africa t' Isfel, hija azzjonista kif ukoll kreditrici tas-socjeta' Healthland International Limited u l-istralcjarji kongunti ta' LeisureNet Limited dia' ghamlu talba formali kontra Healthland International Limited fl-ammont ta' sitt mija sitta u erbghin elf sitt mija wiehed u hamsin lira Sterlina u hamsa u erbghin pence (GBP646,61.45) rapprezentanti finanjament moghti minn LeisureNet Limited lill-istess socjeta' Healthland International Limited;

Illi barra minn hekk l-esponenti nomine qed jinvestigaw, taht l-awtorita' tal-Qrati kompetenti, il-possibilita' illi jigu ppruvati krediti ohra ta' portata sinifikanti kontra Healthland International Limited ghar-rigward ta' certu transazzjonijiet illi saru bejn iz-zewg kumpanniji fi zmien meta LeisureNet Limited u/jew Healthland International Limited kienet jew kienu gia' fi stat a' insolvenza;

Illi dawn l-investigazzjonijiet ghadhom qed isiru mill-istralcjarji konunti ta' LeisureNet Limited u ma jistghux jigu konkluzi qabel ma jsiru l-investigazzjonijiet mehtiega ghar-rigward tal-istralc ta' LeisureNet Limited stess, liema investigazzjonijiet qed jigu mmexxija mill-Qrati tal-Afrika t' Isfel u ma humiex ser jigu konkluzi qabel minn ta' l-inqas l-ahhar ta' Gunju tas-sena 2002;

Illi c-cirkostanzi rigwardanti dawn l-investigazzjonijiet u dwar il-possibilita' illi jigu ppruvati krediti ohra kontra s-socjeta' Healthland International Limited huma spjegati fid-dettal fl-affidavit tal-istralcjarju Robert John Walters hawn annessa u mmarkata “Dok B”;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghar-ragunijiet spjegati fl-affidavit ta' Robert John Walters, jekk tigi ffissata f' dan l-istadju data

finali biex jigu ppruvati d-djun tal-kredituri ta' Healthland International Limited, din tkun ta' predgudizzju gravi u serju kemm ghall-istralcjarji kongunti ta' LeisureNet Limited kif ukoll ghall-kredituri tal-istess socjeta';

Illi fi kwalunkwe kaz u minhajr pregudizzju, l-esponenti nomine jissottomettu illi f' kaz illi l-Qorti jidhrilha illi ghandha tigi ffissata data finali sabiex jiu ppruvati djun ta' kredituri kontra Healthland International Limited, din ma ghandiex tkun l-istess data tar-rikors intavolat mir-rikorrenti u dan ghaliex kwalunkwe data illi ghandha tigi hekk iffissata ghandha tkun iffissata b' mod illi jkun hemm il-fakolta' illi tigi notifikata lill-kredituri kollha b' mod illi l-istess kredituri ikollhom zmien bizzejjed sabiex iressqu l-provi dwar il-krediti taghhom;

Illi fi kwalunkwe procedua ta' stralc ta' kumpannija li hija nsolventi l-istralcjarji ghandhom obbligu illi jimxu fl-ahjar interess tal-kredituri tal-kumpannija b' mod indaqs u fic-cirkostanzi kif fuq spjegati huwa car u manifest illi jekk tigi ffissata d-data tar-rikors odjern bhala d-data finali biex jigu ppruvati djun tal-kredituri, zgur illi ma huwiex fl-interess tal-kredituri kollha tal-kumpannija in generali;

Illi in oltre l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors odjern bil-fors li trid tigi michuda ghaliex bir-rispett kollu ma jaghmilx sens illi tigi ffissata data finali ghas-sehh ta' xi haga meta dik id-data tkun gia' ghaddiet!

Illi ghall-istess ragunijiet suesposti l-esponenti qed joggezzjonaw ukoll ghall-proposta illi jkun hemm xi *interim distribution* mill-assi ta' Healthland International Limited f' dan l-istadju;

Ghaldaqstant l-esponenti nomine jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa smiegh u provvedimenti li jidhrilha xieraq:

1. Tichad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorenti;
2. Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f' kaz illi l-Qorti jidrilha illi ghandha tigi ffissata data finali sabiex jigu ppruvati djun tal-kredituri ta' Healthland International Limited, tordna illi din id-data tkun data mhux akta kmieni mit-30 ta' Settembru, 2002 u illi ma jsiru ebda distribuzzjonijiet *interim* qabel tali data.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Pio M. Valletta li b' digriet a' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Dicembru, 2001 gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta' estera Eastlink Projects PTY Limited, ipprezentata fl-14 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha espona:

Illi l-esponent nomine huwa favur li jigi milqugha t-talbiet tal-istrallcjarji u li jinsabu kontenuti fir-rikors fl-ismijiet premessi u dan ghar-ragunijiet li sejrin jissemmew hawn taht u ghar-ragunijiet ohra li jistghu talvola jigu espressi waqt is-smiegh ta' l-istess rikors.

Illi kif jinsab indikat fir-rikors ipprezentat mill-istralcjarji Artikolu 255 tal-Att XXV ta' l-1995 jippovdi li Qorti tista' tistabilixxi zmien jew zmienijiet li matulhom il-kredituri ghandhom jippruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom jew li jkunu eskluzi mill-beneficcju ta' kull tqassim maghmul qabel ma jkunu ppruvati dawk id-djun. L-istrallcjarji tas-socjeta' hassew il-htiega li fic-cirkostanzi jitolbu lill-Onorabbli Qorti tiffissa d-data tal-prezentata tar-rikors taghhom bhala l-ahhar data li fiha l-kredituri ghandhom jippruvaw id-djun jew it-talbiet taghhom. Meta ressqu talba bhal din l-istrallcjarji jkunu hadu in konsiderazzjoni l-interess kollettiv tal-kredituri u mhux ta' xi kreditur partikolari u ghalhekk it-talba taghhom handha tigi milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti fl-interess kollettiv tal-kredituri.

Illi dwar it-talba l-ohra mressqa mill-istrallcjarji ghall-distribuzzjoni “interim” f’ ammont li jdihrilhom xieraq, huwa certament fl-interess tal-kredituri li f’ kull waqt ghandu jkollhom il-protezzjoni tal-Qorti, li jircievu hlas “interim” f’ ammont li l-istrallcjarji jidhrilhom xieraq. L-istess Artikolu 255 tal-Att XXV ta’ l-1995 jiddisponi li tqassim “interim” bhala dak propost mill-istrallcjarji jista jsir anke qabel ma ssir il-prova tad-djun kollha b’ mod illi minn tali tqassim jiu eskluzi djun li jkunu ghadhom ma’ gewx ippruvati.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Luisa Tufigno b’ digriet ta’ l-4 ta’ Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta’ International financial Services (PTY) Ltd., ipprezentata fl-14 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet u sottomissjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar b’ digriet ta’ l-4 ta’ Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta’ Kinsman Consultancy Ltd., ipprezentata fl-14 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet u sottomissjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Veronica Rossignaud kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta’ Allen & Overy, ipprezentata fis-17 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi huma gew innominati bhala kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta intimata Allen & Overy b' digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Gunju, 2002.

Illi huma ma humiex edotti bil-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors u jirrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri jekk u meta jkunu gew edotti bil-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors.

Rat ir-risposta ta' Dr. Chris Cilia u l-P.L. Luisa Tufigno b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Pricewaterhousecooper, United Kingdom, ipprezentata fis-17 ta' gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi mhumiex edotti mill-fatti kollha ta' dan ir-rikors u jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ohra fil-mertu wara li jkunu kkomunikaw mas-socjeta' estera Pricewater-housecooper, United Kingdom u wara li jkunu saru d-debiti verifiki u accertamenti kollha.

Rat ir-risposta ta' Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' JJ. Galagher Ltd., pprezentata fit-18 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi huma gew innominati bhala kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta intimata JJ. Galagher Ltd., b' digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Gunju, 2002.

Illi huma ma humiex edotti bil-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors u jirrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri jekk u meta jkunu gew edotti bil-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors.

Rat ir-risposta ta' Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati mahtura sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Deliotte & Touche, South Africa, ipprezentata fid-19 ta' gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi mhumiex edotti mill-fatti, izda jirriservaw li jwiegbu meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta' minnhom rappresentata.

Rat it-twegiba ta' Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Minter Ellison, ipprezentata fid-19 ta' Gunju, 2002, li permezz taghha qalu bir-rispett:

Illi qabel xejn jehtieg li l-istralcjarji jippruvaw in-nomina taghhom;

Illi bla pregudizzju l-esponenti jiddikjaraw li ma' jafu xejn dwar il-fatti li waslu ghar-rikors mertu ta' din il-procedura;

B' riserva ghal twegiba ulterjuri.

Rat it-twegiba ta' Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Hilda Ellul Mercer mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Ocean Plaza Limited, ipprezentata fid-19 ta' Gunju, 2002, li permezz taghha qalu bir-rispett:

Illi qabel xejn jehtieg li l-istralcjarji jippruvaw in-nomina taghhom;

Illi bla pregudizzju l-esponenti jiddikjaraw li ma' jafu xejn dwar il-fatti li waslu ghar-rikors mertu ta' din il-procedura;

B' riserva ghal twegiba ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Dr. Victor Scerri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Werksman Attornies, ipprezentata fil-21 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi huma m'humhix edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jirriservaw li jwiegbu meta jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mas-socjeta' minnhom rapprezentata.

Rat ir-risposta ta' Dr. Vincent Galea u l-P.L. Veronica Rossignaud b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Deloitte & Touche, British Virgin Islands, ipprezentata fl-24 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriervaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu r-risposta opportuna fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Dr. Vincent Galea u l-P.L. Victor Bugeja b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Northcote Road 1, Holdings Ltd., ipprezentata fl-24 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriervaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu r-risposta opportuna fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici, ipprezentata fl-4 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Thornfield Properties Ltd.

2. Illi huma m' ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mar-rapprezentanti tas-socjeta' minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment fi stadju ulterjuri tal-kawza.

Rat ir-risposta ta' Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Deloitte & Touche, Beligium, ipprezentata fil-1 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera Deloitte & Touche, Beligium, mhumiex edotti mill-fatti ta' dan ir-rikors u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ohra f' stadju ulterjuri jekk u meta jkunu gew edotti bil-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors.

Rat ir-risposta ta' Dr. Martin Fenech u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Chelsea Heights Hotel PTY Ltd., ipprezentata fil-25 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha esponew:

Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jiriservaw illi jirrispondu f' aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Dr. Louis Cassar Pullicino b' digriet tas-27 ta' Dicembru, 2001, gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta' Cap Vest Equity Partners (PTY), Cap Vest Ltd, Capvest Equity Partners L.P. u Cap Vest Special Partners L.P., ipprezentata fl-24 t' Ottubru, 2002 li permezz taghha espona:

Illi jopponi t-talbiet tar-rikorrent u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

1. Illi huwa evidenti illi d-data li qed tigi proposta sabiex il-kredituri jippruvaw id-djun taghhom hija data li giet miftiehma fit-transazzjoni milhuqa bejn ir-rikorrenti u s-socjeta Eastlink Projects PTY Ltd., liema sojceta hija wahda mill-kredituri ta' Healthland International Limited. Dan jidher li kien mehtieg sabiex tkun tista' tigi konkluza t-transazzjoni u b' hekk jigu rilaxxjati ammonti sostanzjali fl-Awstralja dovuti lil Healthland International Limited. Il-Qorti ghandha tapprezza ghalhekk li din id-data kif proposta kienet miftiehma f' transazzjoni milhuqa ma' kreditur wahdani u li qed jaghmel minn kollox biex jesercita pressjoni ekonomika qawwija u f' certu sens eccessiva fuq l-istarlacjarji. Illi ma jsegwix ghalhekk illi din id-data hija fl-interess tal-kredituri kollha u l-Qorti ghandha d-dover li tipprotegi l-interessi tal-maggjoranza al-kredituri kontra din il-pressjoni eccessiva.

2. Illi matul laqgha tal-Liquidation Committee li nzammet fl-24 ta' Settembru 2001 li ghaliha l-esponenti kienu presenti, ir-risoluzzjoni li accettaw li jittiehed vot dwarha ma kenitx tikkontempla "cut off date" bhal ma qed jigi propost f' dawn il-proceduri izda semplicement illi l-isralcarji *"… will within six months of the commencement of the Liquidation make an application to the Court of Malta under section 292 of the Companies Act to fix the time with which creditors are to prove their debts or claims and to sanction the payment of an interim dividend."*

3. Illi f' dawn ic-cikostanzi ghalhekk tesisti diskrepanza bejn dak li gie approvat matul il-laqgha tal-Liquidation Committee mizmuma fl-24 ta' Settembru 2001 u dak li effettivament qed jintalab f' dan ir-rikors, liema rikos huwa redatt esklussivament biex jakkomoda l-interess ta'

kreditur wiehed biss a bazi tat-transazzjoni milhuqa bejnu u l-istralcjarji. L-esponeneti ma ghandhom l-ebda dubbju illi l-istralcjarji agixxew in *buona fede* u fl-interessi ahharija tal-kredituri kollha bil-mod kif finalment ittransigew il-pendenzi ma' Eastlink Projects PTY Ltd., pero il-fatt jibqa' illi l-ebda data partikolari ma qatt giet approvata matul il-laqgha li nzammet mill-Liquidation Committee. Ghalhekk l-istralcjarji ghandhom jigu preklusi milli javvanzaw talba quddiem din l-Onorabbli Qorti merament biex jakkomodaw l-interessi ta' kreditur wiehed.

4. Illi jirisulta illi filwaqt li certi kredituri gia ghandhom kreditu li gie pruvat u ammess formalment fil-proceduri ta' stralc, kredituri ohra ghandhom bzonn hin adegwat biex jaghmlu l-accertamenti taghhom, jigbru l-provi taghhom in sostenn tal-kreditu minnhom vantat u f' certi kazi ukoll jigu dedotti proceduri kontenzjusi fil-gurisdizzjoni kompetenti sabiex dak il-kreditu pretiz jigi kanonizzat giudizzjarment.

5. Illi l-esponenti umilment jissottomettu illi seghet giet kreata certa konfuzjoni fil-procedura ta' "proof of debts" f' dawn il-proceduri ta' stralc. Dan il-kuncett huwa fil-parti l-kbira imnissel mill-ligi ingliza li tirregola insolvency fejn jirisulta b' mod car illi riferenza ghal "prove" tfisser biss li kreditur iressaq il-pretensjoni tieghu lill-istralcjarju. (Ara f' dan is-sens English Insolvency Rules 1986 Rule 4.73) Filwaqt li Qorti tista tifissa data fil-futur biex kull min ghandu prestensjoni jahgmel dan entro t-terminu stabbilit mill-Qorti, fl-istess hin mhuwiex ragjonevoli illi l-Qorti tiffissa terminu b' effett retorattiv izda ghandu jinghata zmien adegwat u ragjonevoli biex kull min ghandu pretensjoni xi jressaq u li jista' jressaq, dan isir. Kwalunkwe ordni li tista'

eventwalment tigi determinata mill-Qorti handha ukoll tigi preceduta b' avvizi adegwati li l-istralcjarji ghandhom jigu ordnati jippubblikaw kemm f' Malta, l-Africa t' Isfel u l-Ingilterra, fejn ghandu jigi reklamat bl-ahjar mod possibbli l-Ordni eventwali li tista' tinghaa mill-Qorti dwar "cut off date" imposta mill-Qorti. La darba jigu mressqa l-pretensjonijiet tal-kredituri entro t-terminu impost mill-Qorti, l-istralcjarji jistghu jiu awtorizzati jaghmlu "interim dividend" ghalkemm tali "dividend" ghandu jigi bazat u jiehu in konsiderazzjoni kemm dawk il-pretensjonijiet li gew ammessi mill-istralcjarji kif ukoll dawk il-pretensjonijiet li jistghu jigu skartati jew michuda mill-istralcjarji izda soggetti hal xi procedura ta' appell.

6. Illi l-esponenti effettivament ippresentaw il-pretensjoni taghhom fil-5 ta' Gunju, 2002. Kopja tal-claim mressqa fil-5 ta' Gunju 2002 u kopja ta' ittra li kienet intbaghtet lill-istralcjarji qabel il-laqgha tal-kredituri li nzammet fit-23 ta' Novembru, 2001 qed jigu annessi u markati bhala dokumenti "1" u "2". Din it-talba hija minn natura taghha ta' certa komplessita legali billi hija msejsa fuq allegazzjoni ta' frodi u "conspiracy". F' dan ir-rigward handu jinghad illi recentement l-esponent rcevew l-ewwel reazzjoni minhand l-istralcjarji permezz ta' ittra datata 3 ta' Ottubru 2002, kopja ta' liema qed tigi annessa (Dok 3) u ghall-liema ittra intbaghtet ittra responsiva ohra fit-23 ta' Ottubru 2002 minghand l-avukati inglizi tas-socjeta' esponenti (Dok 4). Filwaqt li l-esponenti jiriservaw id-drittijiet taghhom fil-kaz illi l-istralcjarji ghal xi raguni jichdu din it-talba taghhom, certament, pero' ikun x' ikun l-esitu da parti tal-istralcjarji, data bhal dik li qed tigi proposta mill-istess stralcjarji fir-rikors promotur taghhom sejra tippregudika

irrimedjabbilment id-drittijiet tal-esponeneti fil-konfront tas-socjeta' li taghha qed isir l-istralc, ghaliex f' kaz illi kellha tigi accettata t-talba tal-istralcjarji, il-pretensjoni tal-esponenti tigi awtormatikament michuda billi tkun tardiva b' maniera retrattiva.

7. Illi mill-ahhar seduta li nzammet fid-19 ta' Gunju 2002, l-esponenti issoktaw bl-isforzi taghhom li jigbru taghrif u provi in sostenn tat-talbiet taghhom illi kien hemm frodi lampanti li tinvolvi kemm Healthland International Limited, LeisureNet Limited u l-promoturi tal-istess Rod Mitchell u Peter Gardener. L-esponenti f' dan ir-rigward jitlob lill-Qorti tapprezza illi l-istralc ta' Healthland International Limited hawn Malta jifforma parti minn process ta' stralc globali tal-grupp LeisureNet. B' hekk jirrisulta illi l-istralcarji ta' LeisureNet Limited kienu involuti f' inkjesta pubblika gewwa l-Afrika t' Isfel fejn il-provi u d-dokumenti li hargu sa' issa jammontaw ghal eluf u eluf ta' dokumenti. F' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk mhuwiex ragjonevoli illi din il-Qorti tigi mitluba timponi data kif fil-fatt qed tigi mitluba ghaliex fis-sitwazzjoni prevalenti jenhtieg zmien adegwat.

8. Illi a bazi tal-premess it-talba tar-rikorrenti biex tigi stabbilita d-data indikata fir-rikors promotur hija inaccettabbli u insostenibbli. Apparti l-fatt illi kif redatta t-talba, il-Qorti qed tigi mitluba taghti provvediment b' effett retrattiv, li fiha nfisha tmur kontra l-ligi, l-istess talba ser tikkrea pregudizzju gravi u irrimedjabbli lill-esponent kif ukoll lill-kredituri ohra li bhall-esponenti jista' jkollom pretensjonijiet li ghadhom mhumiex likwidati jew likwidabbli.

9. Illi l-esponenti jaghmlu wkoll riferenza ghall-Artiklu 292 (2) tal-Companies Act jipprovdi illi:

*"The Court if satisfied that the determination of the question or the required exercise of power referred to is sub section 1 of this section will be just and beneficial, may accede wholly or partially to the application on such terms and conditions as it thinks fit or may make such other order on the application as it so detemines."*

L-esponenti jissottometti illi fic-cirkostanzi t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex *"just and beneficial"* u ghandhom jigu respinti in toto.

10. Illi f' kaz pero u minhajr pregiudizzju ghall premess, il-Qorti hija b' xi mod propensa li taghti ordni jew provvediment alternattiv ghal dak li gie espressament mitlub fir-rikors promotur, l-esponent huwa tal-fehma illi f' dan l-istadju din l-Onorabbli Qorti ghandha tillimita ruhha u tirregola biss id-data li fiha ghandhom jigu avvanzati l-krediti jew pretensjonijiet tad-diversi kredituri u mhux li l-istess krediti jew pretensjonijiet jigu pruvati ukoll. Ghal dan il-ghan il-Qorti ghandha tistabillixi data ragjonevoli wara li tisma' l-partijiet kollha koncernati u tizen ukoll l-implikazzjonijiet tal-pretensjonijiet dedotti mill-kredituri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Richard Sladden u l-P.L. Veronica Rossiganaud b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Moreland Overseas Ltd., ipprezentata fit-30 ta' Settembru, 2003 li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-eccipjenti m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat wkoll d-dikjarazzjoni eccezzjonijiet ta' Dr. Richard Sladden u l-P.L. Veronica Rossiganaud b' digriet ta' l-4 ta' Gunju, 2002, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Moreland Overseas Ltd., u l-lista tax-xhieda ta' l-istess.

Rat l-atti processwali.

Semghet l-Avukati;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qed jaghmlu zewg talbiet u cioe' illi tigi dikjarata hekk imsejjha *"cut off date"* illi timpedixxi iktar pretensjonijiet fil-konfront tas-socjeta' in likwidazzjoni u li r–rikorrenti bhala stralcjarji jigu awtorizzati jaghmlu distribuzzjoni *'interim'* f' ammont li jidhrilhom xieraq.

Hemm zewg intimati li qed joggezzjonaw ghat-talba tar-rikorrenti u dawn huma l-Avukat Dottor Tonio Fenech u l-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon in rapprezentanza ta' LeisureNet Limited u l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino in rappresentanza ta' s-socjeta' Cap Vest Equity Partners (PTY), Cap Vest Ltd, Capvest Equity Partners L.P. u Cap Vest Special Partners L.P.; mill-bqija l-Avukat Dottor Pio M. Valletta ghan-nom tas-socjeta' Eastlink Projects PTY Limited qabel mat-talbiet (in effetti it-talba tar-rikorenti saret a bazi ta' transazzjoni ma' din is-socjeta') u l-intimati l-ohra li huma kuraturi deputati ma' kienux ghadhom edotti bil-fatti.

Ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom a tenur tal-artiklu 292 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment:

1. *L-istralcjarju … jista' jaghmel rikors lill-Qorti biex tiddeciedi kull kwistjoni li tinqala matul l-istralc tal-*

*kumpanija, jew li tesercita …. Is-setghat kollha li l-Qorti tista' tezercita jekk il-kumpanija kienet qed tigi stralcjata mill-Qorti.*

2. *Il-Qorti jekk tkun sodisfatta li d-decizjoni tal-kwistjoni jew l-esercizzju mehtieg tas-setgha msemmi fis-subartiklu 1 ta' dan l-artiklu jkun gust u ta' beneficcju tista' tilqa' r-rikors ghal kollox jew f' parti b' dawk il-kondizzjonijiet li jidrilha xierqa jew tista' taghmel dak l-ordni l-iehor fuq ir-rikors kif jidhirlha li jkun xieraq.*

Korrettament ir-rikorrenti qed jghidu li l-Artiklu 255 ta' l-istess Att XXV tal-1995 jawtorizza lill-Qorti biex tistabilixxi zmien li matulu l-kredituri handhom jippruvaw id-dejn jew talbiet taghhom jew li jkunu eskluzi mill-beneficcju ta' kull tqassim qabel ma jkunu ppruvati dawk id-djun. Il-fuq imsemmi artiklu 292 irendi ukoll applikabbli dan ghal stralc li jkun qed isir bara mill-Qorti u ghalhekk jipprovdi li jista' jsir rikors fejn issir din it-talba jew dawn it-talbiet.

Kif gia inghad l-Avukati Dottor Fenech et nomine u l-Avukat Dotor Cassar Pullicino nomine qed jopponu ghat-talba, specjalment in vista tal-fatt li d-data mitluba mir-rikorrenti gia ghaddiet. Kif irrilevaw korrettement, l-ordinament guridiku taghna qatt ma hares lejn mizuri retro attivi b' simpatija u f' dan il-kaz ma jidhirx li hemm lok li ssir eccezzjoni, anzi kif irrilevaw l-intimati imsemmija, akkoljiment tat-talba tista' tohloq ingustizzja. Ghalhekk fil-waqt li l-Qorti tissimpatizza mal-problema li tista' tinholoq lir-rikorrenti ma thossx illi handha tapplika data retro attiva izda taqbel li ghandha tigi ffissata data preciza li fiha inghalqu t-talbiet halli jkunu jistghu jipprocedu bl-istralc. Fil-fehma tal-Qorti ikun iktar gust li tigi ffissata data vicin izda fil-futur kif effettivament se taghmel.

Fir-rigward tal-hlas interim, anke din it-talba tippresenta problema minnha innifisha minhabba l-perikoli li tali halas jista' jikkomprometi kredituri li ghandhom ma resqux it-talba taghhom jew li l-kreditu taghhom ghadu ma' giex pruvat. Barra minn dan hemm certi allegazzjonijiet fir-risposti illi jekk ikunu pruvati irendu tali pagament mizura li

tista' tippregudika kredituri li huma *bona fide*. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex fil-mument infomazzjoni bizzejjed biex taderixxi ghal din it-talba. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Ingliza fil-kaz ***'Greenhaven Motors Limited (1999)***:

*'In deciding whether not to sanction a proposed compromise the Court must consider whether the interests of those, whether creditors or contributories who have a real interest in the assets of the company in liquidation are likely to be best served.'*

Ic-Chancery Division fil-kaz ***'Barings plc'*** deciz fit-13 ta' Dicembru 2001 iccita sentenza b' approvazzjoni tal-Qorti tal-Appell tal-1891 (Re: Alabama, New Orleans, Texas and Pacific Junction Railway Company) fejn intqal:

*'Everybody will agree that a compromise or agreement which has to be sanctioned by the Court must be reasonable and that no arrangement or compromise can be said to be reasonable in which you can gew nothing and give up everything.'*

**Ghaldaqstant il-Qorti ticcediedi fuq ir-rikors billi tilqa' l-ewwel talba, izda limitatament billi tiffissa bhala data finali li fiha ghandha tigi avvanzata kull pretensjoni fir-rigward tas-socjeta' Healthland International Limited il-jum tat-28 ta' Frar, 2004 u tichad it-tieni talba kif dedotta.**

**L-ispejjez jigu sopportati mis-socjeta' rikorrenti.**

***Moqrija.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------